MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2021

Rikors Kostituzzjonali Numru 19/2019 LM

**L-Avukat Dr Cedric Mifsud detentur tal-karta tal-identità numru 196979(M) a nom u in rappreżentanza ta' Sea-Watch e.V ta' Immanuelkirchstrasse 3-4, 10405, Berlin, Ġermanja**

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta; Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali; Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali; u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali imressaq fil-11 ta' Frar, 2019, mir-rikorrent **l-Avukat Dr Cedric Mifsud (K.I. nru 196979M) a nom u in rappreżentanza ta' Sea-Watch e.V ta' Immanuelkirchstrasse 3-4, 10405, Berlin, Ġermanja** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent noe'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett:-*

1. *Illi l-organizzazzjoni rikorrenti Sea-Watch e.V ta' Immanuelkirchstrasse 3-4, 10405, Berlin, Ġermanja hija fondazzjoni twaqqfet fis-sena elfejn u ħmistax (2015) bil-għan illi tiġbed l-attenzjoni lejn iċ-ċirkostanzi tal-immigrazzjoni fil-baħar Mediterran.*
2. *Illi l-organizzazzjoni rikorrenti torganizza operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ fil-baħar Mediterran. Illi oriġinarjament fis-sena elfejn u ħmistax, il-fondazzjoni kienet tagħmel dawn l-operazzjonijiet permezz ta' vapur żgħir ta' madwar tmintax-il metru (18m) bl-isem ta' Sea-Watch 1 u fis-sena elfejn u sittax (2016) dawn l-operazzjonijiet bdew isiru permezz tal-bastiment Sea-Watch 2. F'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) bdiet topera permezz tal-bastiment Sea-Watch 3 bin-numru tal-IMO 7302225.*
3. *Illi il-bastiment Sea-Watch 3 jopera billi isalpa mill-port ta' Malta u jinnaviga fid-direzzjoni tan-nofsinhar lejn il-Libja però dejjem f'ibħra internazzjoni u dan skont il-liġijiet marittimi u minn hemmhekk l-ekwipaġġ jagħmlu monitoraġġ ta' immigranti illi isibu rwieħhom f'diffikultà waqt illi ikunu qegħdin jaqsmu lejn l-Ewropa.*
4. *Illi meta il-bastiment jara illi ikun hemm xi nies fil-baħar illi ikunu qegħdin f'diffikultà l-ewwel jagħmlu kuntatt ma' MRCC Ruma illi huma responsabbli għall-operazzjonijiet tas-Search and Rescue (SAR) fiż-żona u jekk dawn iwieġbu illi ma jistgħux jagħtu l-assistenza tagħhom, imbagħad isir kuntatt ma' MRCC Malta u in-Netherlands Coastguard f'Den Helder. Jekk dawn tal-aħħar lanqas ma ikunu jistgħu joffru l-assistenza tagħhom il-bastiment, filwaqt illi jitlob permess minn MRCC ta' Ruma għal permess sabiex jagħmlu dan, jipprosegwi bis-salvataġġ tal-persuni u jittellgħu abbord is-Sea-Watch 3.*
5. *Illi nhar is-sittax (16) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) il-bastiment daħal fil-port tal-Belt Valletta sabiex isirilu xi xogħlijiet ta' manutenzjoni kif ukoll sabiex isir stħarriġ sabiex jiġi mġedded id-*DNV-GL Class Declaration *u xi ċertifikati oħrajn. Illi ai termini tar-regolament 11 tar-Regolamenti tal-Portijiet (L.S. 499.01) nhar it-tletin (30) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) il-bastiment permezz tal-aġent tiegħu għamel talba lill-Awtorità konvenuta sabiex jingħatalu permess illi joħroġ mill-Port.*
6. *Illi l-Awtorità konvenuta ma ħarġitx dan il-permess u nhar l-ewwel (1) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) meta intalbet informazzjoni dwar ir-raġunijiet għaliex il-bastiment ma tħalliex joħroġ mill-port l-Awtorità intimata iddikjarat illi kienu qed jsiru xi verifiki qabel ma jingħata il-permess lill-bastiment sabiex joħroġ mill-port.*
7. *Illi fit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) l-Awtorità bagħtet komunikazzjoni permezz ta' ittra fejn reġa' ġie ikkonfermat illi l-Awtorità kienet qed tistenna xi verifiki u illi kienu qegħdin jistennew ir-riżultat ta' spezzjoni mill-*

*Amministrazzjoni tal-Bandiera Olandiża fosthom dwar ir-reġistrazzjoni tal-bastiment, dwar jekk il-bastiment kienx kopert b'assigurazzjoni P&I adegwata u il-kompetenza tal-ekwipaġġ u l-kaptan tal-bastiment ai termini tal- International* Convention on Standards of Training, Certification and Watchkeeping for Seafarers (STCW)*, illi kienet saret fuq il-bastiment.*

8. *Illi filfatt fis-sitta (6) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018), żewġ uffiċjali tal-Awtorità Olandiża għamlu din l-ispezzjoni fejn irriżulta illi il-bastiment huwa reġistrat taħt il-bandiera marittima Olandiża permezz taċ-ċertifikat number 10805/2017 bħala "*a non-commercial motor yacht*" u illi kien kopert bl-assigurazzjoni P&I adegwata illi hija valida sas-sebgħa (7) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019).*

9. *Illi dwar l-STCW peress illi il-bastiment Sea-Watch 3 huwa reġistrat bħala* a non-commercial motor yacht*, din il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-bastiment. Minkejja dan mill-ispezzjoni tal-Awtoritajiet Olandiżi filwaqt illi jidher illi numru tal-ekwipaġġ kellhom* operation certificate pleasure craft*, kien hemm numru mill-ekwipaġġ illi filfatt kellhom ċertifikat ai termini ta' tal-STCW. Minkejja dan, din ma għandhiex tkun ta' xkiel għall-immaniġġjar ta' dan il-bastiment stante illi kif intqal iżjed 'l fuq il-bastiment ma huwiex wieħed kummerċjali.*

10. *Illi minkejja illi l-Awtorità konvenuta ġiet mgħarrfa bir-rapport tal-Awtoritajiet Olandiżi l-Awtorità protestata baqgħet ma tatx il-kunsens tagħha sabiex il-bastiment ikun jista' ibaħħar u minkejja illi ġew mitluba illi joħorġu deċiżjoni formali abbażi ta' liema liġijiet ma kienx qiegħed jingħata permess lill-bastiment Sea-Watch 3 illi joħroġ mill-Port tal-Belt Valletta u għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tagħmel użu mill-propjetà tagħha b'mod liberu u dan minkejja il-fatt illi ma jidhirx illi kien hemm bażi legali għaliex dan ma setgħax isir.*

11. *Illi lejn l-aħħar ta' Awwissu elfejn u tmintax (2018), l-Awtorità konvenuta kienet infurmat lis-soċjetà rikorrenti illi kienet lesta tagħti l-awtorizazzjoni sabiex il-bastiment ikun jista' isalpa mill-Port il-Kbir. Minkejja dan, fl-aħħar mumenti qabel ma nbdew il-preparamenti għat-tbaħħir, l-Awtorità konvenuta infurmat lill-Kaptan u lill-ekwipaġġ tal-bastiment illi l-awtorizazzjoni ma kinitx ser tingħata u għal darb'oħra dan seħħ għal raġunijiet mhux magħrufa.*

12. *Illi finalment ingħatat l-awtorizazzjoni ġiet mogħtija fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) u ċioé kważi erbgħa (4) xhur minn meta kienet saret l-ewwel rikjesta mill-bastiment sabiex ikun jista' isalpa u l-Awtorità konvenuta naqset milli tagħti tagħti l-awtorizazzjoni tagħha. Meta il-bastiment ġie rilaxxat dan ma sarx abbażi ta' xi deċiżjoni formali jew bil-miktub u mingħajr ma kien hemm xi tibdil fiċ-ċirkustanzi tal-bastiment mill-ewwel ġurnata li kien miżmum. Essenzjalment, mill-aspett legali, meta salpa mill-Port Il-Kbir, il-bastiment kien fl-istess pożizzjoni illi kien meta daħal fil-Port.*

13. *Illi id-detenzjoni tal-bastiment Sea Watch 3 saret fl-istess żmien meta twaqqfu żewġ bastimenti oħrajn u ċioé l-M/V Lifeline u M/V Seefuchs, liema bastimenti kienu joperaw bl-istess mod bħal bastiment in kwistjoni però dawn tal-aħħar kellhom tip ta' reġistrazzjoni differenti.*

14. *Illi l-investigazzjonijiet tat-tip illi għamlet l-Awtorità konvenuta huma magħrufa bħala* Port State Control, *liema investigazzjoni s-soltu ma ddumx iktar minn ftit jiem u ċertament ma ddumx għal xhur sħaħ. Kieku kien il-każ illi investigazzjonijiet bħal dawn idumu daqshekk l-attività ekonomika fil-Port il-Kbir titwaqqaf għal kollox.*

15. *Illi fiċ-ċirkustanzi jidher ampjament ċar illi l-Awtorità konvenuta kienet qiegħda tassisti lill-Gvern fil-ħidma tagħha li twaqqaf bastimenti operati minn organizazzjonijiet non-governattivi. Minkejja illi l-bastiment żar Malta diversi drabi qabel dan l-inċident, huwa twaqqaf biss meta faqqgħet il-kwistjoni tal-M/V Lifeline u inżamm sakemm spiċċa kważi kompletament l-istaġun meta jaqsmu l-immigranti mill-Libja lejn l-Ewropa. Dan kien abbuż sfaċċat tal-poter fil-konfront tal-entità attriċi.*

16. *Illi minħabba l-aġir tal-Awtorità konvenuta is-soċjetà rikorrenti ġiet assoġettata għal danni u spejjeż konsiderevoli stante illi il-bastiment ġie miżmum fil-Port għal kważi erbgħa (4) xhur mingħajr bażi legali u peress illi l-Awtorità konvenuta matul din id-detenzjoni irrifjutat illi toħroġ deċiżjoni formali, is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex rimedju ordinarju effettiv a dispożizzjoni tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

17. *Illi aparti dan kollu l-entità rikorrenti ġiet ipprivata mill-propjetà tagħha stante illi skont il-prinċipji stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropeja, l-prinċipju tal-legalità jippresupponi illi l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi domestika għandhom ikunu suffiċjentement aċċessibli, preċiżi u li wieħed għandu jistenna fi stat demokratiku fl-applikazzjoni tagħhom – vide* **Broniowski vs. Poland (GC)** *no. 31443/96, 147, ECHR 2004-V u* ***Saliba vs. Malta*** *no. 4251/02, 31, 8 ta' Novembru 2005 u* ***Amato Gauci vs. Malta*** *– Applikazzjoni No. 47045/06 deċiża fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2009;*

18. *Illi fiċ-ċirkostanzi, meta il-bastiment Sea-Watch 3 daħal fil-Port tal-Belt Valletta, is-sid tiegħu qatt ma setgħet tantiċipa illi l-Awtorità tat-Trasport f'Malta kienet se tieħu deċiżjoni illi l-bastiment tagħha u oħrajn simili tiegħu ma kienux se jitħallew isalpaw minn Malta, u dan meta kienu konformi mal-liġijiet marittimi applikabbli u f'okkażjonijiet oħra kien tħalla jidħol u joħroġ liberament mill-Port u dan użurpalha* ***id-dritt tagħhom ta' użu liberu tal-propjetà tagħha****;*

19. *Illi prinċipju massimu li għandu jiġi segwit hu li l-individwu m'għandux jiġi assoġġettat għal leġislazzjoni u deċiżjonijiet li huwa ma setax jipprevedi li ġġib toqol u telf eżasperat ukoll fil-kumpens li għandu jirċievi għat-teħid effettiv tal-*

*proprjetà tiegħu kif ġara f'dan il-każ – Vide **Sporrong and Lonroth vs Sweden** (1982), 69-74 u **Brumarescu vs Romania** (GC) no. 28342/95, 78, ECHR 1999-VII u **Spadea and Scalabrino vs. Italy**, deċiża fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 1995, 33, Series A no. 315-B u **Immobiliare Saffi vs Italy** (GC) no. 2274/93, 54, ECHR 1999-V u **Broniowski** -151);*

20. *Illi konsegwentament a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, ġialadarba kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-Awtorità Intimata u/jew l-Avukat Ġenerali għandhom iħallsu kumpens biex ikun hemm sodisfazzjon ġust lill-organizzazzjoni rikorrenti għal ħsarat minnha sofferti;*
21. *Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti hija intitolata għal kumpens minħabba t-telf fil-kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetà tagħhom minn meta huma ma setgħux jieħdu lura l-proprjetà tagħhom u ċioé mit-tletin (30) ta' Ġunju elfejn u tmintax (2018) – vide **Kingsley vs The United Kingdom** (GC) no. 3565/97, 40, ECHR 2002-IV; **Runkee and White vs The United Kingdom** – Nos. 42949/98 u 53134/99, 52, deċiża fl-10 ta' Mejju 2007; **Akkus vs. Turkey** – deċiża fid-9 ta' Lulju 1997, Reports 1997-IV, 35; **Romancehnko vs Ukraine** – No. 5596/03, 22 ta' Novembru 2005, 30, unpublished; **Prodan vs. Moldova** – No. 49806/99, 73, ECHR 2004-III (extracts); **Ghigo vs Malta** – No. 31122/05, 20, deċiża 17 ta' Lulju 2008; **Cassar v. Malta** no. 50570/13, deċiża 30 ta' Jannar 2018*
22. *Illi l-organizzazzjoni rikorrenti tħoss illi fir-rigward tagħha ġew miksura l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokolll u Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentament għandhom jitħallsu kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, stante illi huma ġew pprivati mingħajr ma ngħataw kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom u ċioé tal-bastiment Sea-Watch 3.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti nomine jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet permess jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tal-organizzazzjoni rikorrenti l-aġir tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta rrendiet impossibbli lill-organizzazzjoni rikorrenti Sea-Watch e.V. li jipprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom għal erbgħa (4) xhur u dan minkejja il-fatt illi huma kienu jinsabu konformi mal-liġijiet u regolamenti marittimi viġenti kemm lokali kif ukoll internazzjonali.*
2. *Konsegwentament tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew vjolati d-drittijiet tal-organizzazzjoni Sea-Watch e.V. għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).*

3. *Ulterjorament tiddikjara u tiddeċiedi illi ġie vjolat id-dritt tal-organizzazzjoni Sea-Watch e.V. għad-dritt ta' rimedju ordinarju effettiv bi vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta) stante illi l-Awtorità intimata ma ħargitx deċiżjoni formali dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha matul l-erbgħa (4) xhur illi il-bastiment inżamm f'pajjiżna u b'hekk ma setgħux jirrispondu għal tali aġir.*
4. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mill-organizzazzjoni rikorrenti b'konsegwenza tal-aġir tal-Awtorità intimata ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
5. *Tillikwida l-istess kumpens u danni sofferti mill-organizzazzjoni rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
6. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimati **il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, tad-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u tal-Avukat Ġenerali llum l-Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati l-Avukat tal-Istat, il-Ministru u d-Direttur Ġenerali'], li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 2019, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

*Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija fis-sens illi "*l-organizzazzjoni rikorrenti tħoss illi fir-rigward tagħha ġew miksura l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokolll u Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement għandhom jitħallsu kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante illi huma ġew pprivati mingħajr ma ngħataw kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom u ċioé tal-bastiment Sea-Watch 3*".*

*Illi l-esponenti jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi* in linea *preliminari, l-esponenti jeċipixxu illi l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, id-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u l-Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontradittturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li dak allegat fir-rikors*

*promotur tar-rikorrenti jirreferi għall-aġir li mhuwiex tagħhom u għandhom għalhekk jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi* in linea *preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu li r-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretizi minnu. Illi fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrenti seta' jintavola kemm kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju kontra l-Awtorità intimata sabiex jattakka r-rifjut jew nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni tal-istess Awtorità kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li r-rikorrenti sofra xi danni, kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jitlob is-sejbien ta' responsabbilità u l-ħlas ta' danni sofferti. F'dan ir-rigward l-esponenti għalhekk jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*
3. *Illi* in linea *preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*
4. *Illi* in linea *preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu relattiv għall-bastiment Sea-Watch 3;*
5. *Illi* in linea *preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li l-lanjanza ma tirrigwardax teħid forzus tal-proprjetà tar-rikorrenti;*
6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jeċepixxu li għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tat-tgawdija tal-proprjetà, in kwantu li li r-rikorrenti qed jinvoka il-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-esponenti jeċepixxu li r-rikorrenti ma tilfitx għal kollox il-jeddijiet kollha fuq il-ġid in kwistjoni. Il-miżura msemmija fir-rikors promotur, għalkemm tinkwadra ruħha taħt kontroll ta' użu, madankollu tali miżura li ċertament ma twassalx għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà. Isewgi għalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement għandu jiġi miċħud;*
7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrilevaw li skont il-*proviso *ta' dan l-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Illi hija ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu li*

*l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.*

8. *Illi fil-każ odjern, l-allegata interferenza li minnha qiegħed jillamenta r-rikorrenti hija waħda msejsa fuq il-liġi u magħmula skont ir-Regolamenti dwar il-Portijiet (SL 499.01), saret għal għan leġittimu u ċioé sabiex isiru l-aċċertamenti kollha sabiex bastiment li huwa żżat fl-ibħra territorjali Maltin ikun reġistrat u jkollu d-dokumenti kollha neċessarji u dan għall-għan aħħari li jitħares l-interess ġenerali u li ċertament li tali interferenza hija waħda li ħarset it-test tal-proporzjonalità bejn l-interessi kollha involuti u dan mingħajr ma tpoġġa xi pżż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

9. *Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li dan l-artikolu ma jeżiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju. L-importanti huwa li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha hija awtorità nazzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li seħħew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija għandha s-saħħa li tagħti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jingħata raġun fl-ilmenti tiegħu.*

   *Fi kliem ieħor, l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorità nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta' talba quddiem il-Qrati ordinarji jew bil-mezz ta' kawza kostituzzjonali/konvenzjonali. Hekk pereżempju ilment taħt l-artikolu 13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* Nazzareno Zarb vs. Malta *deċiża fl-4 ta' Lulju 2006, għaliex għan-nuqqas fil-liġi ordinarja li tipprovdi għal rimedju fil-każ ta' dewmien inġustifikat fil-proċeduri, kien jagħmel tajjeb ir-rimedju taħt il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-qrati b'setghat kostituzzjonali.*

   *Propriju anke dawn il-proċeduri kostituzzjonali għandhom il-potenzjal li jagħtu dak li qiegħed ifittex r-rikorrenti u ċioé rimedju. Illi bl-intavolar ta' dawn il-proċeduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qiegħed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi għal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienx ser joqgħod jeħli l-ħin u l-flus tiegħu biex jiftaħ dawn il-proċeduri. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti għandu wkoll rimedju taħt il-liġi ordinarja u dan permezz ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kif ukoll permezz ta' azzjoni sabiex jirreklama danni ordinarji ċivili.*

   *Għalhekk sa fejn ir-rikorrenti qiegħed jilmenta minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestamnet infondat jekk mhux ukoll fieragħ għaliex kemm id-disponibbilità ta' proċeduri taħt il-liġi ordinarja kif ukoll dawn il-proċeduri u din l-Onorabbli Qorti bħala awtorità nazzjonali għandhom is-setgha*

*li jagħtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk kemm -il darba jirnexxielu juri li tassew ġew imkasbra lilu xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imares taħt il-Konvenzjoni Ewropea.*

10. *Illi għaldaqstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur għandhom jiġu miċħuda kollha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimata l-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità intimata'], li ġiet ippreżentata fil-11 ta' Marzu, 2019, fejn ingħad kif ġej:

*"Teċċepixxi bir-rispett:*

1. *Illi b'mod preliminari, l-Awtorità intimata, filwaqt li tistqarr li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti qiegħdin jiġu kkontestati bil-qawwa, jikkontendu preliminarjament li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom b'dan illi tiddeklina li tisma' l-istess talbiet fuq il-mertu u dan propju għaliex għandu jirriżulta bħala stat ta' fatt inkwivoku u obbjettiv li* ***s-soċjetà rikorrenti kellha rimedju ordinarju disponibbli lilha skont il-liġi****;*

2. *Illi mill-premessi tar-rikors promotur jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tallega vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali minħabba għemil amministrattiv tal-Aworità intimata. Tali għemil qatt ma ġie kontestat ai fini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta minkejja li l-Qrati ta' Kompetenza Ċivili għandhom ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fejn l-istess għemil jikser il-Kostituzzjoni jew huwa* ultra vires *kif donnu huwa allegat mir-rikorrenti. L-istess artikolu 469A jiddefinixxi għemil amministrattiv u fl-istess definizzjoni jinkludi* 'rifjut għal talba ta' xi peruna li jsir minn awtorita pubblika'*. Għaldaqstant l-imsemmi artikolu kien applikabbli sa minn meta l-permess mitlub mill-bastiment sabiex jitħalla joħroġ mill-port ġie rifjutat f'Lulju tas-sena 2018. L-istess liġi ma tikkunsidrax in-neċessità ta' ebda formalizmi sabiex deċizjoni tikkostitwixxi rifjut ai fini u effetti kollha tal-liġi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kunsidrat li s-soċjetà rikorrenti tallega li l-Awtorità esponenti ma għamlitx deċizjoni, l-istess liġi se mai tipprovdi rimedju, ċioé li ssir talba bil-miktub notifikata lill-awtorità u jekk din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik*

*in-notifika, jikkostitwixxi rifjut. Is-soċjeta rikorrenti ma uzufritx minn din il-proċedura minkejja li l-istess kienet disponibbli;*

4. *Illi wkoll in linea preliminari s-soċjetà rikorrenti qiegħda tabbuza minn proċeduri Kostituzzjonali – li huma meqjusa rimedji straordinarji ta'* 'last resort' *– sabiex tirreklama u titlob likwidazzjoni ta' danni meta l-liġi ordinarja, l-artikolu 469A(5), tipprovdi li persuna tista' titlob ħlas ta' danni imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt. L-istess artikolu jipprovdi li tali danni ma jistgħux jingħataw sakemm l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in* mala fede *jew b'mod mhux raġonevoli madanakollu jirriżulta mir-rikors tas-soċjetà rikorrenti li d-danni qiegħdin jiġu pretiżi propju minħabba allegata* mala fede *u/jew aġir mhux raġonevoli mill-Awtorità intimata (ara paragrafu 15 tar-rikors promotur). Li kieku l-Artikolu 469A(5) ma jipprospettax l-għoti ta' danni, ir-rikorrenti setgħet forsi ssostni illi hija rrikorriet għal proċeduri Kostituzzjonali għaliex qed tfittex rimedju li jmur oltre dak illi jagħtiha dan l-artiklu. Dan, iżda, mhux il-każ;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetà rikorrenti setgħet tintavola proċeduri ordinarji għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni u s-setgħa tal-istess hija espressament imħollija lil Qrati Ordinarji;*

6. *Illi r-rimedji ordinarji kunsidrati setgħu jirrimedjaw il-lanjanzi tas-soċjetà rikorrenti madankollu l-istess soċjetà rikorrenti ħalliet it-terminu konċess għal azzjoni jiskadi inutilment. Illi kif ingħad minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet* Olena Treyak v Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs *deċiza fis-16 ta' Jannar 2006:*

> 'M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel.'

7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti għandu jirrizulta b'mod ċar li s-soċjetà rikorrenti ma ġietx privata mill-proprjetà tagħha u li l-bastiment mertu tal-kawża qatt ma kien sekwestrat mill-Awtorità intimata u filfatt dejjem baqa' fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti u rappreżentanti tal-istess. Illi għaldaqstant ma kien hemm ebda* ***teħid forzuż*** *kif neċessarju għal vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

8. *Illi fir-rigward tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea l-awtorità intimata teċċepixxi l-inapplikabbilità tal-istess għaliex l-imsemmi artikolu mhuwiex inkorporat fil-liġijiet ta' Malta u di più d-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu jgħoddu għall-Qorti ta' Strasbourg u mhux għall-qrati domestiċi;*

9. *Illi s-soċjetà intimata teċċepixxi wkoll l-inapplikabbilità tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan għaliex l-istess artikolu merament jinneċessita rimedju nazzjonali effettiv. Impliċitament mhuwiex kontestat li din il-Qorti f'Sede Kostituzzjonali hija rimedju effettiv u di più s-soċjetà intimata diġà espremiet il-fehma tagħha fuq kif ir-rimedji ordinarji* ***wkoll*** *kellhom natura effettiva iżda l-istess soċjetà rikorrenti naqset milli tuża l-istess rimedji mogħtija lilha mill-leġislatur;*

10. *Illi* ***fil-mertu*** *jingħad li l-Awtorità intimata mhux biss aġixxiet skont is-setgħat u diskrezzjoni tagħha imma anke skont id-dmirijiet tagħha hekk kif jirriżultaw minn liġijiet domestiċi u internazzjonali, u dan kif se jintwera aħjar fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

11. *Illi l-istess azzjonijiet meħudin mill-Awtorità intimata saru fl-interess pubbliku u kienu proporzjonali wara li l-istess awtorità ssenjalat diversi nuqqasijiet fir-reġistrazzjoni tal-bastiment, fl-assigurazzjoni u fil-kompetenza tal-ekwipaġġ, liema stess nuqqasijiet taw lok għal tħassib dwar is-sigurtà tal-istess bastiment illi ironikament kien qiegħed allegatament jintuża għal* life saving missions*;*

    *B'rabta ma' dan jingħad illi l-Awtoritajiet tal-Olanda, li huwa l-istat tal-bandiera tal-bastiment mertu ta' dawn il-proċeduri, wara li kkunsidraw in-nuqqasijiet identifikati mill-Awtoritajiet Maltin, kienu rrikmandaw lill-Parlament Olandiż illi bastimenti reġistrati bħala* recreational craft*, bħalma kien is-Sea Watch, ma kellhomx jitħallew jintużaw għal skopijiet oħra, u dan għaliex ir-rekwiżiti ta' saħħa, sigurtà u ekwipaġġ ta'* pleasure *jew* recreational craft *ma kinux jassiguraw* standards *għolja biżżejjed ta' sigurtà fil-kuntest u ċirkustanzi tal-użu li kien qiegħed isir minn bastimenti bħas-Sea Watch.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar, 2021, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet rispettivi.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

4. Ir-rikorrenti noe jispjega li l-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V* hija fondazzjoni li twaqqfet fis-sena 2015 bil-għan li tiġbed l-attenzjoni lejn sitwazzjonijiet ta' immigrazzjoni fil-baħar Mediterran u dan billi tinvolvi ruħha f'tfittxija u salvataġġ anki permezz tal-bastiment *Sea-Watch 3* bin-numru tal-IMO 7302225. Jgħid li fis-16 ta' Ġunju, 2018 dan il-bastiment daħal fil-port tal-Belt Valletta għall-iskop ta' manutenzjoni u sabiex ukoll isir stħarriġ għat-tiġdid tad-dokumenti u ċertifikati tiegħu. Fit-30 ta' Ġunju, 2018 saret talba permezz tal-aġent tiegħu lill-Awtorità intimata *ai termini* tar-regolament 11 tar-Regolamenti tal-Portijiet jew tal-L.S. 499.01, sabiex jingħata permess lil dan il-bastiment ħalli jitlaq mill-Port il-Kbir. Ikompli jgħid li l-Awtorità intimata baqgħet ma ħarġitx il-permess mitlub u għaldaqstant fl-1 ta' Lulju, 2018 saret talba għall-informazzjoni dwar ir-raġunijiet għal dan, u r-risposta kienet li kienu qed isiru xi verifiki qabel ma jinħareġ il-permess relattiv. Imbagħad ir-rikorrent noe jirrileva li fit-13 ta' Lulju, 2018, l-Awtorità intimata permezz ta' ittra kkonfermat illi hija kienet għadha qiegħda tistenna xi verifiki u anki r-riżultat ta' spezzjoni mill-Amministrazzjoni tal-Bandiera Olandiża, fosthom dwar ir-reġistrazzjoni tal-bastiment, dwar jekk dan kienx kopert b'assikurazzjoni P&I adegwata u dwar il-kompetenza tal-ekwipaġġ u tal-kaptan skont l-*International Convention on Standards of Training, Certification and Watchkeeping for Seafarers (STCW).* Ir-rikorrent noe jirrileva li fis-6 ta' Lulju, 2018 żewġ uffiċjali tal-Awtorità Olandiża kienu għamlu spezzjoni, minn fejn irriżulta li l-bastiment huwa reġistrat taħt il-bandiera marittima Olandiża permezz taċ-ċertifikat numru 10805/2017 bħala *"a non-commercial motor yacht"* u li kien kopert b'assikurazzjoni P&I adegwata valida sas-7 ta' Lulju, 2019. Ir-rikorrent noe jikkontendi li l-STCW ma tapplikax għall-bastiment *Sea Watch 3* għaliex dan

huwa reġistrat bħala *a non-commercial motor yacht,* iżda xorta waħda kien hemm numru mill-ekwipaġġ li fil-fatt kellhom ċertifikat *ai termini* tal-STCW. Jgħid li għalkemm l-Awtorità intimata kienet ġiet mgħarrfa bir-rapport tal-Awtoritajiet Olandiżi, hija baqgħet ma tatx il-kunsens tagħha sabiex il-bastimenti *Sea-Watch 3* ibaħħar, u dan minkejja li kienet mitluba sabiex toħroġ deċiżjoni formali b'riferiment għal dawk il-liġijiet li fuqhom tali deċiżjoni kienet imsejsa. B'hekk, jgħid ir-rikorrent noe, ma setax isir użu liberu mill-bastiment *Sea-Watch 3.* Kien lejn l-aħħar ta' Awwissu 2018 meta l-Awtorità intimata infurmatu li hija kienet lesta li tagħti l-kunsens tagħha sabiex dan il-bastiment jitlaq, iżda fl-aħħar mumenti avżat lill-kaptan tal-bastiment li ma kinitx ser tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha u dan mingħajr ma ġie mgħarraf bir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni. Ir-rikorrent noe ikompli jgħid li kien imbagħad fit-22 ta' Ottubru, 2018 li l-Awtorità tat il-kunsens tagħha sabiex il-bastiment *Sea-Watch 3* isalpa minn ġewwa l-Port il-Kbir. Jispjega li d-deċiżjoni ma kinitx waħda formali jew bil-miktub, u jsostni li sa dakinhar ma kien hemm l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi tal-bastiment *Sea-Watch 3* kif dawn kienu jirriżultaw fil-jum li kien inżamm. Ir-rikorrenti noe jirrileva li l-investigazzjonijiet li kienet wettqet l-Awtorità intimata kien magħrufa bħala *Port State Control,* liema investigazzjonijiet is-soltu ma kinux idumu aktar minn ftit jiem. Għalhekk kien jidher ċar li l-Awtorità intimata kienet qiegħda tassisti lill-Gvern sabiex jitwaqqfu bastimenti operati minn organizzazzjonijiet non-governattivi. Jgħid li għalkemm il-bastiment *Sea-Watch 3* żar Malta diversi drabi, l-aġir tal-Awtorità intimata ittieħed proprju hekk kif kien hemm kwistjoni dwar il-*M/V Lifeline* u l-kunsens tagħha nżamm sakemm kważi spiċċa l-istaġun li fih jaqsmu l-imigranti mil-Libja lejn l-Ewropa, u għalhekk dan kien jikkostitwixxi abbuż sfaċċat ta' poter. Dan wassal sabiex ir-rikorrent noe sofra danni u spejjeż konsiderevoli hekk kif il-bastiment *Sea-Watch 3* inżamm fil-Port il-Kbir għal kważi erba' xhur.

Peress li l-Awtorità intimata rrifjutat milli toħroġ deċiżjoni formali, huwa ma kellu l-ebda rimedju ordinarju effettiv a dispożizzjoni tiegħu bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni Ewropea']. Isostni li huwa kien ġie mċaħħad mill-proprjetà tiegħu, u filwaqt li jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'l quddiem 'il-Qorti Ewropea'], jispjega li l-prinċipji stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropea, fosthom il-prinċipju tal-legalità, jitolbu li l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi domestika jkunu suffiċjentement aċċessibbli, preċiżi u li wieħed għandu jistenna fi Stat demokratiku fl-applikazzjoni tagħhom. Ir-rikorrent noe jikkontendi li huwa ma seta' qatt jaħseb li l-Awtorità intimata kienet ser tieħu deċiżjoni sabiex il-bastiment *Sea-Watch 3* u oħrajn bħalu ma jitħallewx jitilqu minn Malta, minkejja li kienu konformi mal-liġijiet marittimi applikabbli u minkejja li drabi oħra dawn tħallew liberament jidħlu u joħorġu mill-Port il-Kbir. B'hekk filwaqt li jsostni li ttieħed id-dritt tiegħu ta' użu liberu tal-proprjetà tiegħu, filwaqt li għal darb'oħra jagħmel riferiment għall-każistika tal-Qorti Ewropea, jirrileva wkoll l-prinċipju massimu li individwu m'għandux jiġi sottopost għal liġijiet u deċiżjonijiet li huwa ma setax jipprevedi u li jwasslu għal toqol u telf bla qies. Ir-rikorrenti noe jinsisti li ġaladarba kien hemm telf fil-kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetà tiegħu u b'hekk ġew miksura d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u dawk tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokolll u tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, għandu jkun hemm kumpens a tenur tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, u b'hekk jitħallas sodisfazzjon ġust mill-Awtorità intimata u/jew mill-Avukat tal-Istat. Hawn ukoll ir-rikorrent noe jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea in sostenn tal-argument tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrent noe qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi

li (a) l-aġir tal-Awtorità intimata fil-konfront tal-entità *Sea-Watch e.V.* għamilha impossibbli sabiex din tieħu pussess tal-proprjetà tagħha għal erba' xhur sħaħ, u dan minkejja li kienet konformi mal-liġijiet u mar-regolamenti marittimi viġenti kemm lokali u anki dawk internazzjonali; (b) ġew leżi d-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni; (ċ) ġie leż id-dritt tal-imsemmija entità ta' rimedju ordinarju effettiv bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni meta l-Awtorità intimata naqset milli toħroġ deċiżjoni formali; u (d) *ai termini* tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni l-intimati huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mill-entità *Sea-Watch e.V.* bħala riżultat tal-aġir tal-Awtorità intimata; u dan b'hekk tillikwida l-kumpens u d-danni sofferti skont l-istess Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens u d-danni hekk likwidati, bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

5. L-intimati l-Avukat tal-Istat, il-Ministru u d-Direttur Ġeneral wieġbu għall-ilmenti tar-rikorrent noe fis-6 ta' Marzu, 2019 fejn eċċepew is-segwenti: preliminarjament (a) huma ma kinux il-leġittimi kontradittturi *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12; (b) in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji; (ċ) in-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea; (d) ir-rikorrent noe għandu jġib prova tat-titolu tal-bastiment *Sea-Watch 3*; (e) in-nuqqas ta' applikabbilità tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li l-ilment ma jirrigwardax teħid forzuż; fil-mertu (f) il-miżura ma kinitx wasslet għaċ-ċaħda tal-proprjetà u l-indħil tal-Istat kien imsejjes fuq ir-Regolamenti dwar il-Portijiet jew L.S. 499.01 u sar b'għan leġittimu u b'mod li ġie mħares it-test tal-proporzjonalità; (ġ) l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jimponix kif għandu jingħata rimedju u saħansitra l-proċeduri odjerni setgħu jagħtu dak ir-rimedju

li kien qed ifittex ir-rikorrent noe, u huwa rrikonoxxa dan permezz tal-intavolar tagħhom, dan minbarra r-rimedji taħt il-liġi ordinarja permezz ta’ azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju u ta’ azzjoni għar-reklamar ta’ danni ordinarji ċivili.

6. L-Awtorità intimata laqgħet il-lanjanzi tar-rikorrent noe permezz ta’ tweġiba tagħha ppreżentata fil-11 ta’ Marzu, 2019 u eċċepiet kif ġej: preliminarjament (a) ir-rikorrent noe kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih; (b) ir-rikorrent noe seta’ intavola proċeduri ordinarji *ai termini* tas-subartikolu 469A(5) tal-Kap. 12 għal-likwidazzjoni u ħlas ta’ danni pretiżi minnu; (ċ) ir-rikorrent noe kien ħalla t-terminu mogħti għar-rimedju ordinarju tiegħu jiskadi inutilment; (d) ma kien hemm l-ebda teħid forzuż ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; (e) l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ma kienx jagħmel parti mil-liġijiet ta’ Malta u kien jgħodd għall-Qorti Ewropea u mhux għall-qrati domestiċi; (f) l-inapplikabbilità tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni stante li r-rikorrent noe kellu rimedji effettivi permezz tal-proċeduri odjerni u anki permezz ta’ rimedji ordinarji; fil-mertu (ġ) l-Awtorità intimata kienet aġixxiet skont is-setgħat u skont id-diskrezzjoni tagħha, imma anki skont id-dmirijiet tagħha, u dan kif kienu jipprovdu għalihom il-liġijiet domestiċi u internazzjonali; u (g) l-azzjonijiet tagħha saru fl-interess pubbliku u b’mod proporzjonali.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

7. Flimkien mar-rikors promutur tiegħu, ir-rikorrent noe esebixxa ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-bastiment *Sea-Watch 3*[1]; ċertifikat ta’ assikurazzjoni[2]; ċertifikat ta’ klassifikazzjoni tal-imsemmi bastiment[3]; ittra tal-Awtorità intimata

[1] Dok. A *a fol.* 11.
[2] Dok. B *a fol.* 14.
[3] Dok. C *a fol.* 17.

tat-13 ta' Lulju, 2018[4]; u kopja tal-investigazzjoni dwar il-bastiment inkwistjoni tal-10 ta' Lulju, 2018.[5]

8. Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' April, 2019, ir-rikorrent noe esebixxa Statut tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.*[6]*;* kopja ta' ittra mibgħuta mill-*Ministry of Infrastructure and Water Management* tal-Olanda lill-Awtorità intimata bid-data tal-24 ta' Lulju, 2018[7]; kopja tal-*Exploratory Investigation Sea-Watch 3* maħruġ mill-*Ministry of Infrastructure and Water Management* tal-Olanda[8]; kopja tas-*Certificate of Insurance*[9]; kopja tas-*Certificate of Registry*[10]; kopja tal-*Classification Certificate*[11]*;* kopja tal-*Wreck removal Blue Card*[12]*;* u kopja tal-*Registrierung von Schiffen der Seenotrettung.*[13]

9. Waqt l-udjenza tal-5 ta' April, 2019 xehed bil-ġurament kif prodott mir-rikorrent noe **l-Kaptan Fritz Farrugia**. Spjega li huwa kien impjegat mal-Awtorità intimata fil-kariga ta' *Deputy Harbour Master* fi ħdan id-Direttorat tal-*Ports and Yachting,* u huwa kien responsabbli għall-operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Uffiċċju tal-*Harbour Master.* Iddikjara li huwa ma kienx involut direttament fir-rigward tal-bastiment *Sea-Watch 3,* b'dana li huwa kien irċieva u mexa fuq struzzjonijiet tal-Kaptan David Bugeja li huwa l-*Harbour Master.*

10. Waqt l-istess seduta xehed **il-Kaptan David Bugeja**, li kkonferma li huwa kien jaħdem mal-Awtorità intimata u kellu l-kariga ta' *Chief Officer* tad-Direttorat tal-*Ports and Yachting,* fejn għalhekk kellu wkoll ir-responsabbilità

[4] Dok. D *a fol.* 20.
[5] Dok. E *a fol.* 21.
[6] Dok. SW1 *a fol.* 56
[7] Dok. SW2 *a fol.* 62.
[8] Dok. SW3 *a fol.* 64.
[9] Dok. SW4 *a fol.* 81.
[10] Dok. SW5 *a fol.* 85.
[11] Dok. SW6 *a fol.* 88.
[12] Dok. SW7 *a fol.* 91.
[13] Dok. SW8 *a fol.* 93.

ta' *Harbour Master* bl-inkarigu ta' *safety of navigation.* Spjega li għall-ħabta ta' Ġunju 2018 il-bastiment *Sea-Watch 3* kellu bażi hawn Malta, u dan filwaqt li kien involut fis-salvataġġ ta' persuni mill-baħar viċin il-kosta tal-Libja. Kompla jispjega li dak iż-żmien l-attività kienet saret waħda intensiva saħansitra b'aktar minn NGO waħda, fejn kien hemm aktar minn vapur wieħed involut, u għalhekk peress li Malta kienet saret il-bażi loġistika u konvenjenti ta' din l-attività, l-Awtorità intimata kellha d-dover li tiżgura li l-bastiment *Sea-Watch 3* kien jottempora ruħu mal-i*standards* meħtieġa u kellu ċ-ċertifikati neċessarji sabiex isalpa mill-port. Iddikjara li f'dak li kien jagħmel, huwa kien iżomm infurmat liċ-*Chairman* tal-Awtorità intimata, li huwa l-kap tagħha, kif ukoll lill-Ministeru. Spjega li meta lejn l-aħħar ta' Ġunju, bidu ta' Lulju, il-bastiment *Sea-Watch 3* kien għamel talba uffiċjali sabiex joħroġ mill-port, bħal fil-każ ta' kull *clearance* oħra, huma talbu sabiex jivverifikaw l-i*status* tas-*certification* tiegħu. Iżda mid-dokumenti li ġew mgħoddija lilhom, irriżulta li filwaqt li s-*Certification of Registry* kien jindika li huwa *motor yacht,* ġew sottomessi wkoll numru ta' ċertifikati illi kienu jappartjenu jew jintużaw fir-rigward ta' *a sea going ship.* L-istess qal fir-rigward tal-kwalifiki li ppreżenta l-*master,* fejn dawn ma kinux jikkumplimentaw id-daqs tal-bastiment *Sea-Watch 3.* Spjega li ċ-ċertifikati li ġew ippreżentati kienu tajbin fir-rigward ta' *motor yacht,* iżda dan sakemm kien ta' 300 tunnellata, meta fil-fatt il-bastiment *Sea-Watch 3* kien ta' 600 tunnellata. Ix-xhud iddikjara li fil-fehma tiegħu l-bastiment inkwistjoni kien *a seagoing offshore supply vessel* ta' aktar minn 500 tunnellata, u b'hekk ma kienx *a non-commercial motor yacht,* iżda *a convention vessel.* Irrileva li skont il-*website* tal-IMO, il-bastiment *Sea-Watch 3* kien reġistrat bħala *a search and rescue vessel* reġistrat mal-istess IMO taħt l-International Maritime Convention. Ikompli jispjega li dan hekk kien jidher ukoll fiċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni li ġie ppreżentat lilu, fejn saħansitra kien hemm kondizzjoni li

kienet tgħid *"excluding liabilities, losses, costs and expenses in respect of stowaways and refugees"*. Ix-xhud spjega li wara l-*email* tiegħu tal-4 ta' Lulju, 2018 a *fol.* 74, l-Awtoritajiet Olandiżi infurmawh illi huma kienu ser jagħmlu spezzjoni tal-bastiment *Sea-Watch 3,* u fl-10 ta' Lulju, 2018 bagħatilhom l-*Explanatory Investigation* li kienu ħejjew l-imsemmija awtoritajiet. Peress li huwa ma kienx kuntent bih, fit-30 ta' Lulju, 2018 huwa kien irrisponda lid-*Director of Maritime Affairs* ġewwa l-Olanda fejn esprima dubji dwar ir-realtà tal-operat tal-bastiment *Sea-Watch 3.* Qal li l-Awtoritajiet Olandiżi rrispondew permezz ta' ittra tas-7 ta' Awwissu, 2018 fejn irrikonoxxew li r-*risk profile* u l-argumenti tiegħu kienu serji, u aċċettaw li kellu raġun u li kienu ser jirreveduh. Spjega li sakemm l-bastiment *Sea-Watch 3* baqa' hawn Malta, l-Awtorità intimata kienet qiegħda tistenna li tirċievi d-dokumentazzjoni mitluba mingħand il-bastiment u anki mingħand l-Awtoritajiet Olandiżi, imma dan skont l-interpretazzjoni li huma kienu taw li l-bastiment *Sea-Watch 3* kien *a seagoing ship* u allura soġġett għall-konvenzjonijiet internazzjonali partikolarment SOLAS u STCW. Qal li d-dokumentazzjoni ma waslitx u b'hekk il-bastiment imsemmi ma ngħatax il-*clearance* biex jitlaq. Ix-xhud ikkonferma li l-*policy* fl-Olanda ma kinitx inbiddlet, għajr ftit jiem qabel is-seduta, u dan wara li huwa kien ta l-opinjoni tiegħu li kienet ġiet aċċettata.

11. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019 xehed **l-Avukat Robert Vassallo** bil-ġurament prodott mir-rikorrenti noe. Spjega li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Senior Manager Legal E.U. International Affairs* fi ħdan id-Direttorat tal-*Ports and Yachting,* u s-superjur tiegħu kien proprju l-Kaptan Bugeja. Irrileva li l-involviment tiegħu fir-rigward tal-bastiment *Sea-Watch 3,* f'Ġunju 2018 kien li jassisti l-Awtorità intimata mill-aspett legali u anki li jirrispondi l-konsulenti legali tal-bastiment inkwistjoni għan-nom tal-istess Awtorità intimata. Kompla

jgħid li dak iż-żmien kien kellmu l-Kaptan Bugeja dwar il-bastimenti tal-NGOs li kienu qegħdin jużaw Malta bħala bażi, u kellu jiġi mistħarreġ jekk dawn kinux qed joperaw fl-ambitu tal-liġi. Għalhekk kien lejn l-aħħar ta' Ġunju li kienu ntbagħtu l-*Port Inspectors* fuq il-bastiment *Sea-Watch 3* sabiex jiġbru d-dokumentazzjoni tiegħu. Minn dik id-dokumentazzjoni qal li ħarġu diversi anomaliji, fosthom li l-kaptan tal-bastiment ma kellhiex fil-pussess tagħha l-kwalifiki neċessarji, għaliex dawn kienu jillimitawha għal tunnellaġġ massimu ta' 200 tunnellata u għal navigar f'kanali u xmajjar. Qal li anomalija oħra kienet fil-polza ta' assikurazzjoni, fejn waħda mill-esklużjonijiet kienet li l-i*stowaways* u refuġjati ma kinux koperti. Barra minn hekk filwaqt li l-bastiment kien reġistrat bħala *pleasure yacht,* dan ma kienx qed jagħmel xogħol skont dak dikjarat. Filwaqt li x-xhud spjega li skont l-artikolu 4 tal-Port and Shipping Act, bastiment fl-ibħra Maltin kellu jkun validament reġistrat jew dokumentat għas-sodisfazzjoni tal-Awtorità intimata, qal li għalhekk il-każ kien ġie diskuss mal-Kaptan Bugeja u anki maċ-*Chairman* tal-Awtorità intimata sabiex b'hekk jaraw x'passi kellhom jittieħdu. Ix-xhud qal li kien il-Kaptan Bugeja li kien ikkorrisponda mal-Awtoritajiet tal-Olanda, u dawn min-naħa tagħhom bagħtu żewġ spetturi biex jagħmlu spezzjoni tal-bastiment inkwistjoni. Imbagħad dawn kienu bagħtu rapport, iżda l-Awtorità intimata kitbet lura fejn intqal li ma kienx hemm qbil. Ix-xhud esebixxa seba' dokumenti li ġew immarkati minn Dok. RV1 sa Dok. RV7.[14] Spjega li Dok. RV1 kien il-*crew list,* Dok. RV2 juri li l-bastiment *Sea-Watch 3* kien reġistrat bħala *search and rescue vessel* mal-IMO, Dok. RV3 kienet l-email li l-Kaptan Bugeja bagħat lill-Awtoritajiet Olandiżi, Dok. RV4 kienet l-ittra li bagħat il-Kaptan Bugeja, Dok. RV5 kienet ittra mingħand l-imsemmija Olandiżi, filwaqt li Dok. RV6 u Dok. RV7 kienu t-talba tar-rikorrent noe sabiex l-vapur jitħalla jitlaq, u dan flimkien ma' diversi dokumenti oħra,

[14] *A fol.* 137 sa 157.

inkluża r-risposta tax-xhud fejn ingħatat il-*clearance.* Qal li kien fis-17 ta' Ottubru, 2018 li huwa kien kiteb ittra bil-permess sabiex il-bastiment jitlaq minn Malta. Mistoqsi kif fid-dawl tal-preokkupazzjonijiet tagħhom huma kienu taw dan il-permess, ix-xhud spjega li huwa kien irċieva ittra mingħand l-entità rikorrenti *Sea-Watch,* fejn ġie infurmat li l-bastiment kellu problema teknika li kienet taqa' taħt il-*warranty* tiegħu u kienet ukoll tolqot is-sigurtà tiegħu, u għalhekk kellu bżonn *dry-docking*. Sabiex ma jinżammux responsabbli għal xi spejjeż eventwali jekk il-bastiment jitlef dan id-*drydocking* li kellu jsir f'Spanja fid-29 ta' Ottubru, 2018 u allura anki l-*warranty*, ix-xhud spjega li kien ġie deċiż li jitħalla jitlaq. Iddikjara li d-deċiżjoni finali kienet fl-aħħar mill-aħħar tittieħed mill-Awtorità intimata.

12. L-istess xhud ġie riprodott waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2019. Spjega li hu min-naħa tiegħu ma kienx indaga dwar dak li kienet tipprovdi għalih il-liġi Olandiża. Iżda peress li huma ma kinux komdi bir-risposta li bagħtu l-Awtoritajiet Olandiżi, il-Kaptan Bugeja kien bagħat ittra oħra fejn baqa' jsostni li minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu, l-bastiment *Sea-Watch 3* ma seta' qatt jitqies bħala *a pleasure craft,* iżda kellu jitqies bħala *a Convention vessel* u għalhekk kien jaqa' taħt l-*International Conventions.* Iddikjara li skont hu dan kien jopera b'mod kummerċjali mill-mod kif kien jirreklama lilu nnifsu, mill-assikurazzjoni tiegħu u minn kif kien irreġistrat mal-IMO. Fil-fatt l-Awtoritajiet Olandiżi kienu fit-tieni ittra tagħhom tawhom raġun, u llum il-ġurnata kienu bidlu l-*policy* tagħhom. Ix-xhud iddikjara li huwa ma kienx jaf jekk taħt il-liġi Olandiża kienx hemm bżonn xi liċenzja partikolari sabiex isir salvataġġ ta' persuni. Ix-xhud spjega li ġaladarba l-Awtoritajiet Olandiżi infurmawhom li kienu ser jagħmlu xi tibdil u donnhom kienu qablu magħhom, huma stennew li l-*policy* tiġi riveduta u/jew il-bastiment inkwistjoni jiġi dokumentat u rreġistrat

kif kellu jkun. Meta mbagħad l-Awtoritajiet Olandiżi kitbu lura fis-16 ta' Awwissu, 2018 u ddikjaraw li *"the ship is in line with all requirements based on legislation in the Netherlands",* l-awtorità intimata xorta waħda baqgħet iżomm l-pożizzjoni tagħha. Ix-xhud kompla jgħid li l-assikurazzjoni ma kinitx tkopri l-bastiment *Sea-Watch 3* fil-konfront ta' *stowaways* u refuġjati, u għalhekk kien proprju l-bastiment inkwistjoni li kellu jkun responsabbli lejhom jekk jinqala' xi ħaġa, u dan filwaqt li ma setax jistrieħ fuq l-assikurazzjoni. Ix-xhud għamel distinzjoni bejn l-obbligu ta' kull bastiment li jiġbor lin-nies mill-baħar u l-attività li kien involut fiha l-bastiment inkwistjoni, li l-istess bastiment kien jirreklama li jagħmel. Ikkonferma li f'Jannar 2019 il-bastiment *Sea-Watch 3* kien tħalla jidħol hawn Malta minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp, u dan stante l-obbligi ta' Malta bħal kull Stat ieħor li jassisti, u wara kien tħalla wkoll jitlaq minn Malta.

13. Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2019 reġa' xehed kif riprodott mir-rikorrent noe **l-Kaptan David Bugeja**. Iddikjara li l-pożizzjoni tiegħu kienet differenti minn dik tal-Awtoritajiet Olandiżi kif espressa fl-ittra tagħhom tas-7 ta' Awwissu, 2018, u spjega li filwaqt li l-bastiment *Sea-Watch 3* kien qed jiddikjara lilu nnifsu bħala *a recreational craft*, dan kien qed jiddikjara wkoll pubblikament li qed jagħmel attività ta' 'l fuq minn 500GT bir-riskji ta' navigazzjoni u bl-impatti kollha li dan seta' jkollu fuq in-nies abbord, vapuri oħrajn u anki l-kosta ta' Malta minn fejn kien qed jopera. Għalhekk huwa kien tal-fehma li jekk il-bastiment imsemmi ried jagħmel dak it-tip ta' operat, allura dan kellu jżomm mal-i*standards* minimi tas-SOLAS u tal-STWC għal vapur tad-daqs tiegħu minflok dik dikjarata, li kienet waħda rikreattiva. Ix-xhud spjega li jekk huwa kellu jieħu inkonsiderazzjoni li meta l-bastiment *Sea-Watch 3* joħroġ isalva n-nies, u din kellha tiġi interpretata bħala *a calling,* u meħud

inkonsiderazzjoni wkoll l-aspetti ta' riskju, il-fehma tiegħu kienet li dak il-bastiment jaqa' taħt id-definizzjoni ta' *a commercial vessel.* Spjega li kif qaleb il-bandiera l-bastiment sar wieħed *recreational,* b'dana li meta kien taħt NGO oħra jagħmel l-istess operat, dan kien iżomm l-i*standards* tal-konvenzjonijiet. B'riferiment għall-ittra fuq imsemmija, ix-xhud qal li l-Awtoritajiet Olandiżi kienu identifikaw il-profil ta' riskju tal-bastiment, iżda huwa dan kien għamlu qabilhom, u spjega li wara kollox ir-riskji kienu qegħdin proprju fit-territorju Malti fejn kien qed jopera l-bastiment u mhux fil-ġurisdizzjoni Olandiża. Spjega li meta mbagħad fil-15 ta' Ottubru, 2018 il-bastiment ingħata l-permess sabiex jitlaq minn Malta fuq talba tiegħu, dan kien għaliex skont l-analiżi tat-*technical manager* kien hemm problema teknika u sabiex ma jitlifx il-*warranty* tiegħu, għarrafhom li huwa kien ser jitlaq bħala *a non-commercial motor yacht* fejn il-*port of call* li jmiss kien ser jkun Burrania fi Spanja. Ix-xhud iddikjara li l-permess ingħata fuq din id-dikjarazzjoni ċara fejn il-profil ta' riskju kien tbiddel. Il-Kaptan Bugeja rrileva li meta mbagħad fit-2 ta' Jannar, 2019 il-bastiment *Sea-Watch 3* talab sabiex jidħol hawn Malta wara li kien ġabar xi immigranti, ix-xhud kien aċċetta li jidħol fl-ibħra territorjali Maltin għall-fini ta' kenn, sabiex isir operat fejn jitniżżlu n-nies minn fuqu f'*sheltered water.* Fil-każ tal-bastiment *Sea-Watch 3* kienu saru jafu sussegwentement li fil-fatt dan kien juża lil Malta sabiex iforni ruħu qabel operat speċifiku fl-inħawi isfel minn Malta. Spjega li s-sitwazzjoni din id-darba kienet differenti għaliex l-attività kienet bdiet barra l-ġurisdizzjoni Maltija, iżda meta l-operat kellu jibda mill-ġurisdizzjoni Maltija allura hemm kien hemm bżonn il-barka tal-Awtoritajiet Maltin. Meta ġie biex jitlaq il-bastiment *Sea-Watch 3* wara l-operazzjoni ta' żbark tal-immigranti, kien tħalla jitlaq mingħajr ma x-xhud ħass li kellu għalfejn jistaqsi x'kien sejjer jagħmel. Spjega li meta xi ħadd jingħata kenn minħabba operat, dan jitħalla jidħol u joħroġ mingħajr ma tittieħed xi azzjoni fil-konfront ta' dak il-bastiment.

14. Waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2019 xehed **Jan Schill** kif prodott mir-rikorrent noe. Spjega li huwa għandu l-professjoni ta' tabib u kien jaħdem fid-dipartiment mediku tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* iżda f'Ġunju 2018 huwa kellu l-kariga ta' *head of mission* ukoll. Wara li spjega l-iskop tal-imsemmija entità rikorrenti u għal-liema raġuni kien jintuża l-bastiment *Sea-Watch 3,* spjega wkoll li dan tal-aħħar kien reġistrat bħala *a non-commercial pleasure craft* fl-Olanda. Spjega li l-bastiment kien ilu jidħol hawn Malta mis-sena 2016, iżda wara li żviluppaw diversi kwistjonijiet ta' natura politika, ma tħalliex jitlaq minn Malta. Kienu marru żewġ spetturi Maltin abbord u huma għaddewlhom iċ-ċertifikati kollha tagħhom. Ftit jiem wara ġew infurmati li kien hemm tħassib fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-bastiment *Sea-Watch 3,* u li kien ser ikun hemm komunikazzjoni mal-iStat tal-bandiera tiegħu, li kien l-Olanda. L-Awtoritajiet Olandiżi wettqu spezzjoni tal-bastiment inkwistjoni fis-6 ta' Lulju, 2018 u fis-7 ta' Lulju, 2018. Ix-xhud irrileva li fir-rapport tal-24 ta' Lulju, 2018 tal-Awtoritajiet Olandiżi, kien irriżulta li kollox kien sew fir-rigward tar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-bastiment *Sea-Watch 3* bħala *pleasure craft* taħt il-bandiera Olandiża. Iddikjara li fil-frattemp fit-18 ta' Lulju, 2018 huwa kien telaq minn Malta.

15. Waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2020 xehed **Klaus Stramm** kif prodott mir-rikorrenti noe. Spjega li huwa kien wieħed mit-tliet diretturi tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* kif ukoll it-teżorier tagħha. Irrileva li l-bastiment *Sea-Watch 3* kien reġistrat taħt il-bandiera tal-Panama qabel ma nxtara mill-imsemmija entità rikorrenti, iżda wara x-xiri tiegħu dan ġie reġistrat taħt il-bandiera tal-Olanda, fejn kien hemm biss distinzjoni bejn bastimenti kummerċjali li jintużaw għal profitt, u dawk li jintużaw għall-pjaċir. L-Awtoritajiet Olandiżi kienu qiesu li l-bastiment inkwistjoni kellu jiġi reġistrat

bħala wieħed minn dawn tal-aħħar għaliex ma kienx qed jagħmel qligħ u lanqas kien intenzjonat li jsir qligħ minnu. Ix-xhud spjega li f'Settembru 2018 huwa kien ġie hawn Malta għaliex ma kien baqa' ħadd fuq il-bastiment. Irrileva li l-Awtorità intimata fil-5 ta' Settembru, 2018 kienet għal darb'oħra ċaħdet il-permess sabiex jitlaq il-bastiment u x-xhud esebixxa Dok. FS1[15] bħala prova ta' dan. Ftakar li kienet saret laqgħa bejn l-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* l-Awtorità intimata u xi nies mill-Ministeru, fejn kien ingħata l-*clearance* sabiex jitlaq il-bastiment, b'dana li hekk kif wasal biex jitlaq, l-Awtorità intimata qalet li ma setgħetx tagħti l-kunsens tagħha. Ix-xhud esebixxa wkoll komunikazzjoni[16] bejnu u x-*ship manager* dwar it-talba għall-użu ta' *rescue boat* lill-Awtorità intimata li wkoll kienet ġiet miċħuda. Imbagħad fit-3 ta' Ottubru, 2018 huma kienu kitbu lill-Awtorità intimata fejn talbu għar-raġuni għaliex kien qed jinżamm il-bastiment *Sea-Watch 3* milli jitlaq minn Malta. Esebixxa wkoll ir-risposta tal-Awtorità intimata tat-8 ta' Ottubru, 2018.[17] Imbagħad fil-15 ta' Ottubru, 2018 huwa kien kiteb[18] għal darb'oħra lill-Awtorità intimata għall-permess tagħha sabiex il-bastiment isalpa mill-Port il-Kbir. Dan stante li kienet irriżultat problema teknika u għalhekk huma kienu lesti li jitilqu lejn Burriana fi Spanja bħala a *non-commercial motor yacht.* L-Awtorità intimata mbagħad tat il-permess tagħha permezz tal-ittra[19] tas-17 ta' Ottubru, 2018. Wara li huma kienu għamlu diversi ġimgħat Spanja u sussegwentement fi Franza, huma kienu talbu l-kenn hawn Malta fl-ibħra Maltin u l-permess kien ingħata. Dakinhar ma saret l-ebda spezzjoni u ma qamet l-ebda kwistjoni dwar reġistrazzjoni.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar, 2020, ir-rikorrent noe esebixxa diversi dokumenti konsistenti f'korrispondenza varja.

---

15 *A fol.* 206.
16 *A fol.* 207.
17 Dok. KS4 *a fol.* 203.
18 Dok. KS5 *a fol.* 210.
19 Dok. KS6 *a fol.* 211.

16. Waqt l-istess udjenza xehed **Welf Seyer** li ġie prodott mir-rikorrent noe. Spjega li huwa kien jaħdem mal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* bħala *ship coordinator,* u dan kien l-inkarigu tiegħu wkoll f'Ġunju 2018. Spjega li fil-bidu ta' dak ix-xahar, huwa kien qed iħejji għax-xogħol ta' manutenzjoni li kien hemm bżonn li jsir fuq il-bastiment *Sea-Watch* 3, u għal dan il-għan l-imsemmi bastiment kien ser jidħol Malta fis-16 ta' Ġunju, 2018. Kien hemm il-ħsieb li dan jerġa' jitlaq fit-30 ta' Ġunju, 2018, iżda meta intalab il-permess tal-Awtorità intimata, fl-1 ta' Lulju, 2018 l-imsemmi permess ma ngħatax. Huma ma setgħux jifhmu r-raġuni għal dan, u għalhekk huwa stess talab lill-aġent għal aktar informazzjoni u saħansitra kiteb ukoll lill-Awtorità intimata, li infurmatu li l-i*status* tal-bastiment kien qed jiġi rivedut u fil-fatt kien hemm xi nies li marru abbord u talbu għaċ-ċertifikati. Imbagħad fis-6 ta' Lulju, 2018 saret ukoll spezzjoni mill-ispetturi Olandiżi, li qalulhom li kollox kien sew u li ma setgħux jifhmu għaliex il-permess sabiex jitlaq il-bastiment ma kienx qed jingħata. Huma min-naħa tagħhom ma setgħux jifhmu fuq liema bażi legali l-permess ma kienx qed jingħata sabiex b'hekk ikunu jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni, u għalhekk kienu kkonsultaw mal-avukati tagħhom, li kitbu direttament lill-Awtorità intimata. Imbagħad il-Ġimgħa 24 ta' Awwissu, 2018 kienet saret laqgħa fil-preżenza tal-avukati tagħhom, mal-Awtorità intimata sabiex tinstab soluzzjoni. Kienet ġiet diskussa l-possibilità li l-bastiment *Sea-Watch 3* jitlaq lejn it-Tramuntana ta' Malta u ma jerġa' qatt lura biex jopera minn Malta, u x-xhud qal li c-*Chairman* kien qalilhom li l-permess kien ser jingħatalhom. Għalhekk bdew iħejju kollox biex jitilqu t-Tnejn, iżda ġurnata qabel, meta talbu l-permess neċessarju tramite l-aġent tagħhom, dan ma ngħatax. Anki l-permess sabiex jagħmlu użu minn żewġ *motor boats* żgħar kien ġie miżmum bla raġuni. Ix-xhud iddikjara li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess sakemm huwa kellu jitlaq f'Ottubru 2018.

17. Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2020 xehed minn jeddu **l-Onor. Avukat Ian Borg**, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, prodott mir-rikorrent noe. Spjega li huwa ma kien ta l-ebda struzzjonijiet partikolari fil-każ odjern, u lanqas irċieva xi struzzjonijiet mingħand il-Prim Ministru. Madankollu dejjem kien baqa' infurmat b'dak li kien qed jiġri.

18. Waqt l-istess udjenza xehed **Joseph Bugeja**, *Chairman* tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kif prodott mir-rikorrent noe. Spjega li bħala *Chairman* u *CEO* tal-Awtorità intimata, l-involviment fil-każ inkwistjoni kien wieħed dirett mal-*Harbour Master* il-Kaptan David Bugeja u mal-Avukat Robert Vassallo, u kien hu li jagħti direzzjoni u jerfa' responsabbilità. Min-naħa tiegħu huwa kien ukoll iżomm lill-Ministru infurmat. Ikkonferma li huwa kien preżenti għal-laqgħa li saret fl-24 ta' Awwissu, 2018, iżda din kienet saret mingħajr preġudizzju, u dak li kien ġie propost kien ġie rivedut wara li daħal fid-dettall taċ-ċirkostanzi. Spjega li huwa kien għamel hekk għaliex ma ħassux komdu li kellu aċċertazzjoni suffiċjenti li jekk jitlaq il-vapur, huwa ma kienx ser jerġa' jkollu l-istess sitwazzjoni darb'oħra. B'riferiment għall-kliem *"a higly sensitive matter"* fl-ittra tal-Awtorità intimata tas-27 ta' Awwissu, 2018, ix-xhud spjega li dan kien riferiment għall-aspett tekniku fir-rigward tal-ekwipaġġ u l-vapur u ċ-ċertifikati tiegħu, u ma kienx qed issir riferiment għall-kwistjoni tal-immigrazzjoni. Mistoqsi x'kien inbidel meta l-bastiment *Sea-Watch* 3 tħalla jitlaq, spjega li bl-għajnuna ta' 40 sena esperjenza fil-qasam marittimu, huwa ħass li kien ikun insensittiv li ma jagħtix l-awtorizzazzjoni sabiex il-bastiment imsemmi jitlaq għall-fini ta' tiswija u minflok jibqa' taħt *certification.* Ix-xhud kompla jgħid li jekk il-bastiment tħalla joħroġ jagħmel ċertu attività, kien hemm element ta' riskju, iżda t-talba din id-darba kienet ċirkoskritta minn dikjarazzjoni tas-sid tal-bastiment. Għal dak li jirrigwarda r-rapport tal-Awtoritajiet Olandiżi, ix-xhud

irrileva li dan ma qalx li l-Awtorità intimata kienet qiegħda tgħid il-ħmerijiet, anzi taha raġun u saħansitra ħadu azzjoni korrettiva. Dan kien biżżejjed sabiex juri li l-Awtorità intimata ma kinitx qiegħda tagħmel l-affarijiet b'mod kapriċċuż.

19. Waqt l-udjenza tat-2 ta' Settembru, 2020 l-Awtorità intimata ppreżentat estratti mis-sit elettroniku tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.*[20] Imbagħad waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2021 ippreżentat kopja ta' ċertifikat ta' polza tal-assikurazzjoni.[21]

20. L-Assistenta Ġudizzjarja l-Avukat Daniela Buġeja Mangion żammet seduta fl-14 ta' Diċembru, 2020 fejn xehed in kontroeżami **Klaus Stramm**. Qal li l-bastiment *Sea-Watch 3* kien reġistrat taħt il-bandiera tal-Panama qabel ma ġie akkwistat mill-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* u dan kien għall-ħabta ta' Ġunju/Lulju 2017. Irrileva li bejn Novembru 2017 sa Ġunju 2018 Malta kienet il-*home port* tal-bastiment filwaqt li kien involut f'operazzjonijiet f'ibħra internazzjonali fuq bażi regolari. Ikkonferma li l-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* kienet involuta fi tfittxija u salvataġġ mill-baħar. Ix-xhud ammetta li l-bastiment imsemmi ma kienx assikurat sabiex jagħmel din l-attività, u meta talab permess biex jitlaq minn Malta, ġiet imposta fuqu l-kundizzjoni li dan kellu jmur direttament fit-tarzna ġewwa Spanja għat-tiswija. Ix-xhud spjega li l-liġi kienet inbiddlet b'effett minn April 2019, iżda kien hemm appell u l-Qorti kienet iddeċidiet li kellha tkun b'effett mill-aħħar tas-sena 2019. B'hekk huma setgħu jitrasferixxu r-reġistrazzjoni tal-bastiment għal taħt il-bandiera Ġermaniża, għaliex wara kollox bħala entità Ġermaniża, l-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V* kellha tirreġistra l-bastiment inkwistjoni taħt l-istess bandiera Ġermaniża.

[20] Dok. JC1 sa Dok. JC6 a *fol.* 296 sa 308.
[21] *A fol.* 320.

Irrileva li taħt dik il-bandiera l-bastiment kien reġistrat bħala wieħed kummerċjali.

21. L-Assistenta Ġudizzjarja Dr Daniela Bugeja Mangion żammet seduta oħra fil-11 ta' Jannar, 2021 fejn xehed in kontroeżami **Jan Schill**. Beda billi qal li bħala *Head of Mission* huwa kien jagħmel parti mill-ekwipaġġ tal-bastiment. Ikkonferma li l-objettiv tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* kien sabiex jitħares dak li kien qed jiġri fil-baħar Mediterran u jekk ikun hemm dgħajsa f'diffikultà, kien hemm l-obbligu *ai termini* ta' SOLAS sabiex jiġu notifikati l-awtoritajiet relattivi, iżda jekk ma kienx ikun hemm dgħajjes uffiċjali ta' salvataġġ fil-viċin, huma kienu jtellgħu n-nies li kienu f'diffikultà abbord. Vjaġġi bħal dawn kienu jsiru fuq bażi regolari mis-sena 2015, u fis-sena 2016 dawn bdew jitilqu minn Malta u jerġgħu lura hawn.

22. Waqt l-istess seduta xehed ukoll in kontroeżami **Welf Seyer**. Spjega li xogħlu kien dak ta' koordinatur u kien jieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni tal-bastiment *Sea-Watch 3.* Spjega li Malta kienet il-*home port* anki qabel il-vjaġġ li kellu jsir f'Lulju 2018. Madankollu dan il-vjaġġ ma kienx seħħ, u għalhekk ix-xhud lanqas ma seta' jaħdem bħala parti mill-ekwipaġġ. Ikkonferma li l-bastiment kellu tunnellaġġ gross ta' 648, u qabel ir-reġistrazzjoni taħt il-bandiera Olandiża l-imsemmi bastiment kien reġistrat taħt il-bandiera tal-Panama bħala bastiment kummerċjali. Spjega li llum il-bastiment ma kienx għadu reġistrat taħt il-bandiera Olandiża, għaliex il-liġi ġiet mibdula u ma kienx possibbli li tinżamm l-istess reġistrazzjoni ta' *non-commerical motor yacht,* iżda kellu jiġi reġistrat bħala *a special purpose ship.* Għalhekk il-bastiment kien ġie trasferit għal taħt il-bandiera Ġermaniża.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

23. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabelxejn tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati Avukat tal-Istat, il-Ministru u d-Direttur Ġenerali jikkontendu li huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12. Huma jgħidu li ġaladarba dak allegat mir-rikorrent noe jirrigwarda aġir ta' ħaddieħor, huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti tosserva li mill-prova dokumentarja ppreżentata mill-partijiet, jirriżulta li l-korrispondenza tar-rikorrent noe kienet dejjem indirizzata u ġiet ukoll imwieġba minn uffiċjali impjegati mal-*Ports and Yachting Directorate* fi ħdan l-Awtorità intimata. Għalhekk il-Qorti tgħid li għandha tkun l-istess Awtorità intimata li tirrispondi għall-aġir tagħha, anki għaliex mix-xhieda taċ-*Chairman*[22] tagħha Joseph Bugeja jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku li kien hu għan-nom tagħha li ħa d-deċiżjonijiet relattivi fil-każ odjern. Dan ukoll bis-saħħa tal-fatt li l-Att XV tal-2009 li jistabbilixxi lill-Awtorità intimata bħala awtorità awtonoma bil-mod kif ġej:

> "12.(1) L-Awtorità tkun enti morali b'personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet tagħha, tħarrek, tiġi mħarrka, u tagħmel kull ħaġa u tidħol f'kull operazzjoni li jkunu inċidentali jew iwasslu għall-eżerċizzju jew għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, magħdud li tislef jew tissellef il-flus."

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat, Ministeru u Direttur u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

[22] Seduta tad-19.06.20 a *fol.* 287 jgħid *"[j]ien mistenni u mħallas li nieħu d-deċiżjonijiet jien u hekk għamilt jiena bħala awtorità".*

24. L-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata hija li r-rikorrent noe kellu rimedju ordinarju a dispożizzjoni tiegħu skont il-liġi. Filwaqt li tosserva li mill-premessi tar-rikors promotur jirriżulta li l-allegazzjoni hija waħda ta' ksur ta' drittijiet fundamentali riżultat ta' għemil amministrattiv tal-Awtorità intimata, tgħid li dan l-għemil qatt ma ġie kkontestat *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap.

12. Tirrileva li dan l-artikolu kien applikabbli mid-data tar-rifjut għar-rilaxx tal-bastiment *Sea-Watch 3* f'Lulju 2018, u ssostni li ma kien hemm l-ebda formaliżmu meħtieġ sabiex deċiżjoni tikkostitwixxi rifjut. Iżda l-liġi kienet ukoll tipprovdi għal rimedju billi ssir talba bil-miktub debitament notifikata lill-awtorità inkwistjoni, u jekk din tonqos milli tagħti d-deċiżjoni tagħha, in-nuqqas wara xahrejn kellu jiġi meqjus bħala rifjut. Il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma tal-Awtorità intimata. Mit-talbiet tar-rikorrent noe kif ippreżentati fir-rikors promotur, jidher sew ċar li l-azzjoni odjerna hija waħda msejsa fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, senjatament l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Il-vertenza għalhekk mhijiex dwar il-validità o meno tal-għemil tal-Awtorità intimata, iżda aktar dwar il-konsegwenza diretta ta' dak l-għemil fuq id-drittijiet fundamentali tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* fejn dak mitlub jista' jingħata biss minn din il-Qorti bis-setgħat mogħtija lilha mil-liġi. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata qiegħda tiġi miċħuda. Għall-istess raġunijiet qegħdin ukoll jiġu miċħuda t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tagħha fejn hija qiegħda ssostni li r-rikorrent noe għandu rimedju effettiv għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni permez ta' proċeduri ordinarji quddiem il-qrati ordinarji.

25. Ir-raba' eċċezzjoni tal-Awtorità intimata hija li l-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* ma ġietx imċaħħda mill-proprjetà tagħha u l-bastiment inkwistjoni

ma kien ġie qatt issekwestrat minnha, filwaqt li dejjem baqa' fil-pussess tal-imsemmija entità rikorrenti. B'hekk l-Awtorità intimata tikkontendi li ma kien hemm l-ebda teħid forzuż kif jirrikjedi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Hawnhekk l-Awtorità intimata qiegħda tillimita l-argument tagħha biss fir-rigward ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni u l-Qorti tgħid li għandha raġun. Is-subartikolu 37(1) jiddisponi kif ġej:

> "37.(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist ..."

26. Fil-każ odjern jirriżulta mhux kontestat il-fatt li l-bastiment *Sea-Watch 3* dejjem baqa' fil-pussess tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* u qatt ma għadda b'xi mod fil-pussess tal-Awtorità intimata jew terzi persuni, u lanqas ukoll ma ġie akkwistat xi interess jew dritt fuqu minn dik l-Awtorità intimata jew minn xi terz. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħa, u l-Qorti tagħraf li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ odjern.

27. Fis-sitt eċċezzjoni tagħha l-Awtorità intimata teċċepixxi l-inapplikabbilità tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u dan tgħid proprju għaliex il-proċeduri odjerni huma rimedju effettiv, filwaqt li r-rikorrenti noe wkoll kellu a dispożizzjoni tiegħu proċeduri ordinarji. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Awtorità intimata iżda limitatament għal dak li jirrigwarda l-proċeduri odjerni. Tagħraf li r-rikorrent noe saħansitra għażel li jintavola proċeduri quddiem din il-Qorti sabiex jakkwista rimedju għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-Awtorità intimata għandha tiġi milqugħa.

28. Is-seba' eċċezzjoni tal-Awtorità intimata tittratta l-mertu tal-vertenza odjerna. Hawnhekk hija qiegħda tikkontendi li mhux biss aġixxiet skont is-

setgħat u skont id-diskrezzjoni tagħha, iżda saħansitra ottemporat ruħha mad-dmirijiet tagħha kif dawn jirriżultaw mil-liġijiet domestiċi u dawk internazzjonali. Tissottometti li l-azzjonijiet meħuda minnha saru fl-interess tas-sigurtà tan-navigazzjoni u għaldaqstant fl-interess pubbliku. Tikkontendi li hija għamlet dan b'mod proporzjonali u wara li kienet ikkostatat diversi nuqqasijiet fir-reġistrazzjoni tal-bastiment inkwistjoni, fil-polza ta' assikurazzjoni tiegħu u anki fil-kompetenza tal-ekwipaġġ tiegħu. Tispjega li dawn kollha taw lok għal tħassib dwar is-sigurtà tal-imsemmi bastiment, li ironikament kien qed jintuża għal operazzjonijiet ta' salvataġġ mill-baħar. L-Awtorità intimata żżid tgħid li wara li l-Awtoritajiet Olandiżi kkonsidraw in-nuqqasijiet kif identifikati mill-Awtoritajiet Maltin, kienu rrakkomandaw bidla fil-*policies* ta' dak il-pajjiż fir-rigward ta' reġistrazzjoni, regolamentazzjoni, ekwipaġġ u użu ta' bastimenti bħalma huwa dak inkwistjoni, u dan fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà.

29. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi kif ġej:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

30. M'hemmx dubju li meta l-Awtorità intimata naqset milli tagħti l-kunsens tagħha sabiex il-bastiment *Sea-Watch 3* isalpa mill-Port il-Kbir, dan kien jikkostitwixxi ndħil fid-dritt spettanti lis-sid tiegħu, l-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tagħha. Dan proprju għaliex hija ma

setgħet tagħmel l-ebda użu minnu fuq il-baħar, għall-iskop li dan kien jiġi operat. B'hekk il-Qorti tgħid li l-każ għandu jiġi mistħarreġ taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu suċitat għaliex sabiex l-indħil tal-Istat jista' jitqies li jimmerita eżenzjoni minn din ir-regola ġenerali, hemm bżonn li dan ikun seħħ bis-saħħa ta' liġi, l-iskop tiegħu jkun wieħed leġittimu, u jilħaq bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.[23] Is-silta li ssegwi tigbor fiha l-eżercizzju sħiħ li għandha tagħmel il-Qorti qabel ma tiddikjara seħħitx leżjoni jew le:

> *"56. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State's interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see* Amato Gauci, *cited above, §57). In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. ... (see* Immobiliare Saffi v. Italy, *[GC], no. 22774/93, §54, ECHR 1999-V, and* Broniowski, *cited above, §151)."*[24]

31. Il-Qorti tibda billi tgħid li m'hemm l-ebda dubju li l-Awtorità intimata fil-każ odjern kienet qiegħda teżerċita l-poteri tagħha taħt is-subartikolu 4(1) tal-Kap. 352, li jipprovdi kif ġej:

> *"4.(1) L-ebda dgħajsa jew bastiment ma għandu jintuża fl-ibħra territorjali jew interni ta' Malta, jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat ma' l-Awtorità f'Reġistru għal Bastimenti Żgħar mwaqqaf skont regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, jew jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew jekk dik id-dgħajsa jew bastiment ma jkunx reġistrat jew dokumentat għas-sodisfazzjon tal-Awtorità taħt il-liġi ta' xi pajjiż ieħor li mhux Malta"*

[23] Ara **Bradshaw and Others v. Malta,** App. Nru 37121/15, deċiża 23 ta' Ottubru, 2018.
[24] *Ibid.*

Dan ġie spjegat u sar aċċenn għalih fl-ittri rispettivi tal-Avukat Robert Vassallo tat-13 ta' Lulju, 2018[25], tat-30 ta' Lulju, 2018[26] u tat-3 ta' Awwissu, 2018[27], lill-avukati difensur tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* u li ġew esebiti minnha stess.

32. Issa jonqos li jiġi mistħarreġ jekk l-indħil tal-Awtorità intimata kienx wieħed leġittimu u jekk ġiex mħares il-prinċipju ta' proporzjonalità. Ix-xhieda tal-Kaptan David Bugeja bħala *Harbour Master* u *Chief Officer* tal-*Ports and Yachting Directorate,* kif ukoll dik tal-Avukat Robert Vassallo bħala *Senior Manager Legal* fi ħdan l-imsemmi Direttorat, turi kif l-Awtorità intimata kkostatat li ma kinitx sodisfatta bil-mod kif il-bastiment *Sea-Watch 3* kien ġie reġistrat taħt il-bandiera Olandiża. Dan għaliex il-kwalitajiet tiegħu u l-operat tiegħu kif saħansitra mxandra mal-pubbliku[28], ma kinux jaqblu mal-mod kif kien reġistrat bħala *non-commercial motor yacht*. Il-Kaptan David Bugeja spjega hekk:

> *"L-operat ried jibda bil-ġurisdizzjoni tagħna, bil-barka tagħna. Jitlaq jagħmel operat mill-port tagħna u hemmhekk ħa nerġa' nirrepeti nispera għall-aħħar darba, jiena nħoss li bastiment ta' ċertu size,* intended for a specific calling *bir-*risk profile *li assoċjat magħha għandu jkollha* minimum standard ta' safety *u* protection of the environment *li huma l-i*standards *stabbiliti minn SOLAS u STCW, waħda għall-kundizzjoni tal-vapur, tas-*certification *tal-vapur u l-kundizzjoni tal-vapur u l-oħra tal-kwalifiki tan-nies li jservu fuqha".*[29]

33. Il-Kaptan Bugeja kien diġà fix-xhieda tiegħu fis-seduta ta' qabel spjega x'kienu l-punti li l-Awtorità intimata ma kinitx sodisfatta bihom:

---

[25] Kopja *a fol.* 232.
[26] Kopja *a fol.* 243.
[27] Kopja *a fol.* 248.
[28] Ara estratti mis-sit elettroniku tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* Dok. JC1 sa Dok. JC6 a *fol.* 296 sa 308 *tergo.* Fil-kontroeżami tiegħu waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Daniela Bugeja Mangion tal-14.12.20 *a fol.* 329, Klaus Stramm qal *"I confirm that we run search and rescue missions from drowning in the sea".*
[29] Seduta tad-09.10.19 *a fol.* 174.

*"Il-vapur ta kopja ta'* certification of registry *li huwa kien jindika li huwa* motor yacht *però imbagħad issotometta wkoll numru ta' ċertifikati illi kienu jappartjenu jew jintużaw meta inti tkun qed tittratta bastiment bħala* a sea going ship *u din għalija kienet xi ħaġa li ma kinitx qed tagħmel sens. Jew inti* a motor yacht *li qed topera bħala* a motor yacht *li kif nafu* a motor yacht *jagħmel il-biċċa l-kbira tal-operat tiegħu jew bastiment li jkun il-biċċa l-kbira ġo marina jew idur fil-kosta eċċ versus bastiment illi għax ikun qed jagħmel vjaġġi internazzjonali jirrikjedi l-i*statuary requirements *eċċ eċċ u dawn ippreżentaw xi dokumenti li huma assoċjati ma' bastiment, taħt reġistrazzjoni ta'* motor yacht *u t-tnejn fuq livell tekniku ta'* certification*, huma konfliġġenti u ma jagħmlux sens. Iktar minn hekk meta imbagħad ridna wkoll nivverifikaw per eżempju l-kwalifiki tal-*crew. *Il-persuna li ddikjarat lilha nniffisha bħala l-*master *tal-bastiment dak iż-żmien, ippreżentat kwalifiki li ma kinux jikkumplimentaw is-size tal-vapur. Jiġifieri wkoll kien hemm indikazzjoni li lanqas kwalifiki bażiċi anke li l-bastiment wieħed jista' jittrattah ta' yacht, xorta kwalifiki ma kinux adekwati għaliex hi preżentat tliet ċertifikati, wieħed kien ta'* Inland Waterway Navigation *li ovvjament ma japplikax, ieħor taht risoluzzjoni tal-UN,* recreational craft up to 24m *u ċertifikat ieħor ta'* master *ta'* yacht up to 300 tons*. Kulħadd jaf jew kull min jaqra r-reġistrazzjoni tal-vapuri, il-vapur huwa ta' 600 tons, doppju ta' dik il-kwalifika...jekk anke jien nidħol fuq l-*IMO website*, fuq id-*database *globali uffiċjali tal-bastimenti, il-vapur reġistrat taħt l-IMO sa l-aħħar posizzjoni tiegħu* as a search and rescue vessel, *reġistrat mal-IMO, l-*International Maritime Convention*...it-*type of vessel *fuq iċ-*certificate of insurance *li ġie preżentat jerġa' jindika kif hemm fuq l-IMO,* search and rescue vessel*. Iktar minn hekk, meta taqra din il-polza preżentata, kundizzjoni partikolari titkellem fuq* excluding liabilities, losses, costs and expenses in respect of stowaways and refugees*. Mela dan il-vapur li kien qed jindika anke fuq* IMO website, *fuq* website *tiegħu, jippromovi li qed jagħmel attività partikolari, lili preżentali* insurance *li tefgħet dubju l-operat tiegħu hux* insured*".*[30]

34. Dan kollu kien ġie komunikat lill-avukati difensuri tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.* mill-Avukat Robert Vassallo għan-nom tal-Awtorità intimata permezz tal-ittra[31] tiegħu tat-13 ta' Lulju, 2018, u għalhekk ma jistax jitqies li l-imsemmija entità rikorrenti ma kinitx a konoxxenza tal-preokkupazzjonijiet tal-Awtorità intimata kif tagħti x'jifhem permezz tax-xhieda tagħha.[32] Il-Qorti tosserva li fl-istess seduta l-Kaptan Bugeja spjega ferm tajjeb ir-raġuni għaliex l-

---

[30] Seduta tal-05.04.19 *a fol.* 111 *et seq.*
[31] Kopja a *fol.* 232.
[32] Ara xhieda ta' Jan Schill seduta tat=08.11.19 a *fol.* 193 u xhieda ta' Klaus Stramm seduta tat-22.01.20 a *fol.* 201.

Awtorità intimata ma ħassitha xejn komda bil-mod kif il-bastimenti *Sea-Watch 3* kien ġie reġistrat taħt il-bandiera Olandiża:

> *"L-interpretazzjoni tiegħi hija illi l-bastiment li qed jiddikjara lilu nnifsu* as a recreational craft*, bl-intenzjonijiet bl-apparat abbord dak li huwa dikjarat pubblikament qed jagħmel operat ta' bastiment 'l fuq minn 500GT bir-riskji kollha ta' navigazzjoni u bl-impatti kollha dak jista' jkollu fuq in-nies abbord, in-nies li jkun involut fihom, l-*interaction *ma' vapuri oħra u anke l-kosta ta' Malta peress li kien qed jopera minn hawn u allura hemm l-istess riskji, hemm l-istess operat u jekk irid isir dak il-bastiment b'tip ta' operat, ikollu l-*minimum standards *meħtieġa skont primarjament SOLAS u STCW għall-vapur tas-size tiegħu li mhux qed jagħmel attività rikreattiva.*

35. Il-Qorti tqis li dawn il-preokkupazzjonijiet tal-Awtorità intimata kienu kollha leġittimi. Tibda billi tosserva li jirriżulta biċ-ċar li mal-IMO il-bastiment huwa reġistrat bħala *"Search & Rescue Vessel"*.[33] Ma setax il-bastiment inkwistjoni jitħalla jbaħħar mill-Port il-Kbir bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorità intimata, meta hija kienet taf li kien hemm diskrepanzi serji bejn l-attività li kien iwettaq u d-deskrizzjoni tiegħu kif reġistrat taħt il-bandiera Olandiża, bil-konsegwenzi li din iġġib, inkluż polza ta' assikurazzjoni[34] limitata u li ma tkoprix l-eventwali attività, kif saħansitra jammetti x-xhud Klaus Stramm, li kien responsabbli għall-bastiment fi-żmien li seħħ il-każ odjern.[35] Dan saħansitra għarfuh ukoll l-awtoritajiet Olandiżi fl-ittra tagħhom tas-7 ta' Awwissu, 2018, fejn qalu li,

> *"Mindful of the observations in your letter however, the Netherlands once again assessed its current policy vis-à-vis the factual use of the ship and concluded that – from a safety point of view – certification as a pleasure craft may not adequately reflect the ship risk profile.*

[33] Ara Dok. RV2 *a fol.* 140.
[34] Ara kopja *a fol.* 146 sa 148 *tergo.*
[35] Ara xhieda in kontroeżami seduta tal-14.12.20 a *fol.* 329.

*We are therefore considering a revision of our policy on this issue with high priority. You may understand that – notwithstanding such priority – careful preparation and consultation with stakeholders is required, which will take some time."*[36]

36. Il-Qorti tagħraf ukoll li minbarra dawn id-diskrepanzi, l-ekwipaġġ senjatament il-*Master* tal-bastiment *Sea-Watch 3* ma kellhiex il-kwalifiki meħtieġa sabiex tassumi dan ir-rwol. [37] Dan kollu bl-ebda mod ma ġie spjegat jew saħansitra kkontestat mir-rikorrent noe, li allura ma jistax jippretendi li l-Awtorità intimata kellha tkun kompliċi fl-irregolarità tal-pożizzjoni tiegħu, u anki fir-responsabbilità tiegħu lejn terzi naxxenti minn kwalunkwe diżgrazzja li tista' tinqala' waqt l-operat tiegħu. Huwa minnu li n-nuqqas ta' kunsens tal-Awtorità intimata seta' wassal għal danni inġenti li dwarhom il-Qorti tosserva wara kollox ma tressqet l-ebda prova, iżda l-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-konsegwenzi ta' telf ta' ħajja jew ħsara lil bastimenti oħra jew terzi riżultanti minn diżgrazzja fl-ibħra 'l hemm mill-Port il-Kbir huma bil-bosta aktar serji u gravi. B'hekk ċertament ma jistax jingħad li l-prinċipju ta' proporzjonalità ma nżammx mill-Awtorità intimata, għaliex il-miżien bla dubju kellu jegħleb lejn l-importanza assoluta li kellha tingħata lill-perikli riżultanti mid-difetti fir-reġistrazzjoni tal-bastimenti inkwistjoni taħt il-bandiera Olandiża.

37. Ir-rikorrent noe jittenta jpoġġi dan kollu fid-dubju, billi jikkontendi li ċ-ċirkostanzi riżultanti fiż-żmien li l-Awtorità intimata naqset milli tagħti l-kunsens tagħha sabiex jitlaq il-bastiment inkwistjoni, baqgħu ma nbiddlux meta fl-aħħar fit-22 ta' Ottubru, 2018 l-imsemmi bastiment tħalla jsalpa mill-Port il-Kbir. Iżda l-Qorti tagħraf li għalkemm iċ-ċirkostanzi baqgħu ma nbidlux, u żżid tgħid li kieku s-sidien ittentaw jirregolarizzaw ir-reġistrazzjoni tal-bastiment, il-kwistjoni kienet tiġi riżolta qabel, in-natura tat-talba[38] tar-rikorrent noe fil-15

---

[36] Kopja a *fol.* 152.
[37] Ara xhieda tal-Kaptan Bugeja seduta tal-05.04.19 *a fol.* 112 u kopja tad-dokumenti relattivi *a fol.* 137 *tergo* sa 138 *tergo.*
[38] Kopja *a fol.* 155.

ta' Ottubru, 2018 tbiddlet, u kien proprju bis-saħħa tad-dikjarazzjoni magħmula fit-talba tal-entità rikorrenti *Sea-Watch e.V.,* li ngħata l-kunsens.[39] Dan kollu ġie spjegat sew waqt ix-xhieda tal-Kaptan Bugeja u tal-Avukat Robert Vassallo.[40]

38. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tilqa' s-seba' u t-tmien eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati l-Avukat tal-Istat, il-Ministeru għat-Trasport Infrastruttura u Proġetti Kapitali u d-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra tagħhom;**

2) **Tilqa' r-raba', is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha; u**

3) **Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent nomine.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal terż (1/3) mill-Awtorità intimata u kwantu għal żewġ terzi (2/3) mir-rikorrent nomine.**

---

[39] Ara kopja risposta *a fol.* 157.
[40] Seduta tat-13.05.18 *a fol.* 130 *et seq.*

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**